MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 316/2009

Kawza fil-lista: 72

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003), minn liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew marida b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabeix prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fit-18 ta' Lulju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g][h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' Lulju 2003, meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 36 sena, u wara li kienu ilhom jikkoabitaw flimkien circa sentejn. Wara konvivenza turbolenti ta' erba' [4] snin, il-partijiet isseparaw.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tirrakkonta kemm kienet imdejjqa fid-dar tal-grnituri taghha minhabba l-inkwiet kostanti li kien hemm bejniethom rizultat tal-karattru dominanti ta' missierha. Tghid li f' dan iz-zmien hi u ommha kienet telqu mid-dar hdax-il darba, u kienu jsibu refugju fid-dar tal-qraba taghhom.

F' dan ic-cirkostanzi hija ghalhekk kienet sabet rifugju fil-konvenut, u wara xi xhur johorgu flimkien kienet marret tghix mieghu, u fil-weekends kienet titla' ommha ghandhom. Hija kien ihossha komda u safe tghix ghand il-konvenut, izjed u izjed, f' dak iz-zmien meta kienet ghadha tistudja l-Universita'. Wara li spiccat il-kors kienet bdiet tahdem part-time.

L-attrici tghid li wara z-zwieg il-hajja minn naha taghha kienet tajba peress li kellha aktar liberta' u anqas sikkatura milli kellha qabel; bdiet tahdem full-time, u bdeda jhossha aktar indipendenti. Inoltre, l-konvenut kien jghati hafna "input" fiz-zwieg.

Tghid li kienu dawn ic-cirkostanzi, li kienu rrendewlha l-hajja komda, li eventwalment hi accettat li tizzewweg lill-konvenut wara pressjoni maghmula ghal certu zmien minn dan ta' l-ahhar. Barra minnhekk f' dak l-istadju ma kienitx ghadha finanzjarment vijabbli, u ghalhekk, nonostatne li l-

attrici tghid li ma kienitx thobbu, hija accettat li tizzewwgu. Tghid li lill-konvenut kienet tirrispettah, u kienet tqisu bhala misserha, izda ma kienitx thobbu.

Tghid li wara z-zwieg huma kienu mhabbtin hafna, partikolarment il-konvenut li kien qed jsegwi kors universitarju.  Dan kien ta' strain qawwi, kemm fuqu, stante li huwa bniedem perfezzjonist, kif ukoll fuqha, stante li kien jezigi hafna minnha ghal dak li kienu r-responsabbilitajiet tad-dar. Rizultat ta' dan kienu jitlewmu hafna bejniethom, bil-konvenut jinfexx fl-ghajjat.

F' dawn ic-cirkostanzi hija kienet irrifjutat li taqta' l-pillola kontracettiva meta fis-sena 2004 il-konvenut kien ghamlilha proposta biex ikollhom it-tfal.  B' hekk ir-relazzjoni matrimonjali bejniethom kienet qed tmur lura hafna, u “bdejna nevitaw li nqattghu hin flimkien, lanqas fil-weekends, jiena kont nohrog ghal rasi u hu kien joqghod ghar-rasu.” ukoll tammetti li gieghli ma kienitx tkun id-dar.

Minhabba f' hekk ir-relazzjonijiet intimi kienu saru skarsi, u fis-sena 2006 kienu waqfu ghal kollox. Fis-sena 2007 hija qatghet ticket ghal mawra ta' erbat-ijiem l-Ingilterra mal-hbieb taghha minghajr ma kkonsultat lill-konvenut; u meta giet lura sseparaw.

Fi kliemha: “Jiena finanzjarjament kont komda u kelli dar komda, speci kont komda u ma ridtx niccaqlaq, imma mbaghad ma tistax tghid li kont qed ingib ruhi sew.”

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkonferma sostanzjalment il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Fid-depozizzjoni tieghu, huwa jghid b' mod emfatiku, u anke ton ta' rabja, li l-attrici kienet ingannatu u tradietu; ghax, filwaqt li hu kien akkomoda lilha u lil ommha, ghax kien ihobb lill-attrici u ried li jizzewigha u jibni familja maghha, l-attrici ma kienitx thobbu u kienet baqghet mieghu ghall-konvenjenza ta' hajja komda.

Huwa jispjega li, nonostante li hu kien jahdem il-gurnata kollha, meta kien jirritorna d-dar fil-ghaxija ma kien isib lil

hadd, ma kien isib xejn lest u kien ikollu jsajjar hu, filwaqt li l-attrici, allura martu, kienet tidhol id-dar fis-1.00 am wara harga mal-hbieb. Lanqas il-hasil tal-hwejjeg u l-facendi tad-dar ma kienet taghmel l-attrici, u minnflok, din kienet tqatta' l-hin barra mid-dar, tberbaq il-flus, u tpejjep. Jghid li fis-sena 2006 ir-relazzjonijiet intimi kienu medja ta' darba fix-xahar, filwaqt li fis-sena sussegwenti nqatghu ghal kollox.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attrici il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Il-provi juri bic-car li l-attrici kienet inkapaci li tassumi l-obbligazzjonijiet matrimonjali fiz-zwieg taghha mal-konvenut, senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Jirrizulta car, u ex admissis mill-istess attrici, li hi kienet izzewwget lill-konvenut mhux ghax kienet thobbu, izda ghax kien jaghtiha dik il-kumdita' materjali li hi ma' kellhiex qabel. Fi kliem iehor, hi zzewwget lill-konvenut unikament ghall-konvenjenza, bir-rizutlat li wara z-zwieg irrizulta li kienet inkapaci li tibni ma' zewgha komunjoni ta' hajja u ta' mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Lulju 2003.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------